# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 4/2023

23 ta' Marzu, 2023

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-5:00 pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Skuzat |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Publio Abdilla | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Uffiċċjal Preżenti:

Doris Baldacchino: Segretarju Eżekuttiv

**4.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qal li l-Viċi Sindku kien ċempel biex jgħarraf lill-Kunsill li kien inqabad xogħol t'emergenza. Huwa ġie skużat mil-laqgħa.

**4.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

4.1.1 Is-Sindku qal li ref punt 3.1.2 (laqgħa mas-Supretendent il-ġdid) kien attenda għal laqgħa pero' waqt l-istess laqgħa ma kienx hemm il-community police preżenti. Is-Sindku qal li kienu ddiskutew l-kwistjoni tad-distretti, li Ħal Safi għadu mingħajr Community Police u l-areas fejn l-aktar ikollna bżonn ta' sorveljanza. Is-Sindku spjega li d-distretti diġa' kienu ħolqu problemi għaliex persuni li talbu għall-assistenza minħabba d-distanza l-pulizija damu ma waslu fuq il-post. Il-Kunsill iddiskuta l-issues tal-LESA u x-xogħolijiet fi Vjal ix-Xarolla u l-problemi li nħolqu minħabba tal-linja.

4.1.2 Is-Sindku għadda r-rapport tax-xogħolijiet li għamlu l-ħaddiema tal-CWSEF li kien ħejja l-contracts manager għax-xhur ta' Jannar u Frar. Is-Sindku spjega li issa li kien hemm persuna direttament fuq il-ħaddiema x-xogħol kien miexi aħjar.

4.1.3 Is-Sindku għarraf li ref punt 3.1.4 (xogħol tal-culverts) ix-xogħolijiet kienu ser jibdew hekk kif jitlestew ix-xogħolijiet ta' Triq Bronja u Vjal ix-Xarolla. Huwa spjega li probabbli x-xogħol kellu jibda mit-Tnejn 10 ta' April. Il-Kunsill iddiskuta kif kienu ser isiru l-culverts.

4.1.4 Is-Sindku qal ref punt 3.2.2 (applikazzjoni Pjazza ma' Projects Green) il-Kunsill kien irċieva li bħala dokumentazzjoni l-applikazzjoni tagħna kienet ġiet aċċettata u li issa l-applikazzjonijiet kienu ser jiġu assessjati.

4.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa min kien ser jieħu ħsieb iż-żamma tas-soft areas meta jsir il-proġett tal-pjazza. Is-Sindku spjega li l-applikazzjoni kienet tkopri 10 snin ta' manutenzjoni tal-pjazza u l-kuntratt biex isiru x-xogħolijiet ser ikun jinkludi ukoll il-manutenzjoni tal-proġett.

4.1.6 Is-Sindku qal li xtaq jagħti update ref punt 3.3.3 (Ċentru parrokkjali). Huwa qal li kienu reġgħu ltaqgħu uffiċċjali mill-Public Works mal-Kappillan u suppost li wara l-festi tal-Għid kellhom ikomplu bix-xogħolijiet fil-bitħa taċ-ċentru.

4.1.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa ref punt 3.2.3 (rotta tat-transport pubbliku) jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-Sindku qal li dan il-punt kellu jiġi diskuss aktar tard skond l-agenda.

4.1.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk kienx hemm xi *update* rigward ref punt 3.2.10 (stedina mill-Kappillan għal Assemblea Parrokkjali flimkien mal-għaqdiet tar-raħal u kummissjonijiet parrokkjali. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien għadu bla risposta.

4.1.9 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa meta kien ser jitlesta x-xogħol fi Triq Bronja u Vjal ix-Xarolla. Is-Sindku qal li x-xogħolijiet kellhom jieħdu gimgħatejn jiġifieri sal-festa tal-Għid.

## 4.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.2.1 Is-Sindku qal li xtaq jghid lill-Kunsill rigward il-proġett li ser ikunu qed jagħmlu l-Water Services fejn ser ikunu qed jagħtu l-opportunita' lill-bdiewa jixtru ilma raffinat mid-drenaġġ sabiex ikunu jistgħu isaqqu bih. Saret diskussjoni ta' kif kienet ser tgħaddi r-rotta minn Ħal Safi. Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet li fix-xahar ta' April kienet ser issir laqgħa apposta għall-bdiewa biex il-water services corporation jispjegawlhom x'ser isir minħabba dan il-proġett.

4.2.2 Is-Sindku qal li nhar it-Tlieta 14 ta' Marzu kellu laqgħa ma' *Street Naming Committee*. Huwa qal li l-Kunsill ġie mgħarraf li l-*street naming committee* kienu ser jibdew bin-numerar ta' Triq San Gwann u Triq in-Nassaba. Huwa spjega li l-*street naming committee* kienu qed jitolbu li hekk kif isir in-numerar fi Triq in-Nassaba t-tabella tat-triq tkun tindika n-numri tad-djar li hemm f'dik il-parti tat-Triq. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku qal ukoll li l-*street naming committee* kienu qed jinfurmaw lill-Kunsill li Sqaq tal-Palma sa tinbidel u ssir Triq tal-Palma kif ukoll li għandha tingħata isem triq parallela ma' Triq Stiefnu Erardi (triq kollha garaxxijiet li għadha bla isem). Il-Kunsill iddiskuta, il-Kunsillier is-Sinjorina Joanna Abdilla ssuġġeriet li tissemma' Triq iż-Żebbuġa pero' ma kienx hemm deċiżjoni finali. Is-Sindku qal li ma kienx hemm għaġġla speċifika għall-isem ta' din it-triq u dan il-punt kellu jiġi diskuss aktar 'il quddiem.

4.2.3 Is-Sindku qal li kien irċieva talba sabiex tiżdied lampa ġdida fi Sqaq San Pawl numru 1. Is-Sindku qal li fl-isqaq kien hemm biss 2 bozoz fit-truf tal-isqaq u li fin-nofs tal-isqaq kien hemm id-dlam. Huwa ssuġerixxa li l-Kunsill iżid lampa oħra mal-arblu li hemm fin-nofs tal-isqaq. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ssir lampa ġdida.

4.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li n-nofs ta' Triq tal-Ajzar, il-parti d-dejqa ukoll kienet mudlama. Il-Kunsill iddiskuta pero' minħabba li t-triq hija dejqa wiżq ma kienx hemm qbil li jsir arblu fit-triq.

4.2.5 Is-Sindku ressaq kwotazzjoni sabiex il-Kunsill jixtri podium. Huwa għadda l-kwotazzjoni lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma din il-kwotazzjoni għal prezz ta' €1050.

Is-Sindku qal li minħabba l-podium jista' jkun li l-Kunsill ikollu jbiddel jew jirranġaw is-sound system sabiex issa jkun addattat mal-podium.

4.2.6 Is-Sindku qal li kienu avviċinawh minn naħa tal-Human Rights Directorate sabiex issir laqgħa fis-sala tal-Kunsill kontra r-razziżmu. Huwa qal li din il-laqgħa ser ssir nhar l-Erbgħa 3 ta' Mejju, 2023 filgħaxija u l-laqgħa ser tkun bla ħlas għal kull min jattendi. Il-Kunsill qabel li tiġi organizzata l-laqgħa fis-sala tal-Kunsill.

4.2.7 Is-Sindku qal li Każin Banda San Pawl kienu qed jitolbu sabiex jorganizzaw *egg hunt* fi Ġnien Sir Alexander Ball nhar is-Sibt 8 ta' April 2023. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jingħataw permess li ssir l-*egg hunt*.

4.2.8 Is-Sindku qal li kien ikkuntattjah il-persuna li tieħu ħsieb ir-*roundabout* tal-Karwija għaliex xi ħadd kien għalaq il-main tal-ilma bil-konsegwenza li waħda mill-pompi inħarqet. Is-Sindku qal li issa biex ma jerġax ikollna l-istess problema l-istess persuna kien qala' l-lever. Is-Sindku ressaq kwotazzjoni għal pompa ġdida għal prezz ta' €184 Euros. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li tinxtara pompa ġdida.

4.2.9 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li l-arblu tal-bandiera tar-*roundabout* baqa' mgħawweġ. Is-Sindku kkonferma li l-ħaddiema kienu marru jarawh iżda ma setgħux jirranġawh.

4.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

4.3.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li tapprezza li kien hemm żvilupp sabiex isiru x-xogħolijiet fiċ-Ċentru Parrokkjali.

4.3.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li c-*central strip* li hemm fi Triq il-Kuċċard kien jinħtieġ li titnaddaf. Is-Sindku qal li diġa' kien ikkuntattja lil *Transport Malta* minħabba din il-kwistjoni. Is-Sindku spjega l-problemi li kienu nqalgħu minħabba li kien skada l-kuntratt għaż-żamma tas-soft areas. Is-Sindku spjega lill-Kunsilliera li sa issa ma kienx għadu ġie stabbilit jekk il-kuntratt il-ġdid kienx jinkludi ż-żamma tas-soft areas li hemm fi Triq il-Kuċċard. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li kienet ħasra li kien ser jinbidel il-kuntrattur għaliex sa issa s-soft areas dejjem inżammu fi stat tajjeb ħafna.

4.3.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li nhar it-Tnejn 3 ta' April 2023, il-Każin tal-banda kienu ser jagħmlu l-Via Sagra.

4.3.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla reġgħet qajmet il-problema tad-dlam ħdejn il-Mużew tal-bniet. Is-Sindku qal li kien hemm bozza ħdejn iċ-Ċentru maqtugħa pero' issa ġiet irranġata. Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li xorta waħda baqa' d-dlam u ssuġerixxiet li ssir bożża ġdida jew faċċata tal-Mużew jew inkella mal-faċċata tal-Mużew. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ssir bozza ġdida jew mal-faċċata tal-Mużew jew inkella mal-arblu tad-dawl tal-faċċata.

4.3.5 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li kienet irċiviet ilment illi garaxx fi Triq ta' Gawhar qegħdin jipparkjaw b'tali mod li ma jkunx jista' jidħol u joħroġ fil-garaxx. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jsiru double yellow lines mal-ġnub tal-bieb tal-garaxx.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker kien skużat mil-laqgħa 18:35 u rritorna 18:39.

4.3.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla ilmenta li l-kuntrattur li kien qed jaħdem fir-restawr tas-salib tad-dejma beda jitfa l-tikħil żejjed fil-qsari. Il-Kunsill qal li kien ser javża lill-kuntrattur.

4.3.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa kemm ser ikunu fondi l-culverts minħabba l-proġett ta' *New Culverts* peress li mat-triq għaddejjin il-pajpijiet tal-ilma biex ma ssirlhomx ħsara. Is-Sindku li l-Kunsill ma kienx jaf dwar dan.

4.3.8 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li għalkemm l-bord ta' *Transport Malta* kienu ltaqgħu rigward l-immaniġjar tat-traffiku l-ġdid il-ġimgħa ta' qabel ma kienx għad hemm konferma tad-deċiżjoni u li din id-deċiżjoni kellha tiġi diskussa fil-laqgħa ta' *Transport Malta* li kien imiss.

4.3.9 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa rigward il-vażka li hemm il-bandli. Is-Sindku qal li għal issa l-vażka kienet tbattlet u konna qed naraw x'nistgħu nagħmlu sabiex ma nqattgħux ir-*rubber* li hemm il-bandli. Il-Kunsill iddiskuta l-possibbilitajiet fosthom li naħdmu bis-sistema tal-ballun *(floating switch).*

4.3.10 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex norganizzaw transport għal ħarġa ta' San Girgor f'Marsaxlokk li kienu qed jorganizzaw Reġjun Nofsinhar. Il-Kunsill ma qabilx li nieħdu sehem.

4.3.11 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet kwotazzjoni sabiex isir l-restawr tal-*Murial art* li hemm il-bandli għal prezz ta' €2809.56 incl Vat. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din il-kawotazzjoni.

4.3.12 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet kwotazzjoni oħra sabiex isir *maintenance agreement* minħabba l-bandli. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma l-orħos kwotazzjoni dik ta' €9338.70.

4.3.13 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-performance tal-ħaddiema tas-CWSEF. Is-Sindku qal li issa li kellna l-*contracts manager* dirett responsabbli min dawn il-ħaddiema kienet tagħmel sens li jibda jassessjahom hu imbagħad wara japprovahom il-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

**4.4 Jum Hal Safi**

Is-Sindku qal li l-Kunsilliera kienu irċievew l-lista tan-nominazzjonijiet għal Premju Onorifiċenza għal din is-sena. Huwa qal li waħda minn dawn in-nominazzjoni kienet għalih stess u li kien talab biex tiġi irtirata.

Is-Sindku qal li waqt l-aħħar laqgħa l-Kunsill kien rrakomanda li Rita Portelli u l-Maħistrat Dr Gianella Camilleri Busuttil jingħataw rikonoxximent għas-suċċess li kienu kisbu u staqsa jekk kienx hemm aktar suġġerimenti minn naħa tal-kunsilliera. Ma kienx hemm aktar suġġeriment għal din is-sena.

Is-Sindku ssuġerixxa li bħala apprezzament għax-xogħol siewi li taw lill-Kunsill din is-sena nagħtu lil:

Terence Camillieri mill-fondazzjoni tal-Gal Xlokk

Isabella Schroeder (lezzjonijiet ta' aerobics)

Pierre Attard mill-kumpanija GO plc.

Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet il-kwotazzjoni sabiex isir bibita nhar il-Ħadd 16 ta' April wara l-quddiesa. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li tintgħażel l-orħos offerta dik ta' €1036.83 incl Vat.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li kien ferħan ħafna li fost in-nominati ra isem persuna li illum huwa mejjet. Il-Kunsill iddiskuta l-mod kif wieħed jista' jieħu l-premju tal-Onorifiċenza.

Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera li l-quddiesa din is-sena ser tkun fid-9:30am u mhux bħas soltu fl-10:00am.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li l-Sports Day din is-sena ssir il-Ħadd ta' wara Jum Ħal Safi jiġifieri l-Ħadd 23 ta' April, 2023.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla ġie skużat mil-laqgħa 19:00

### 4.5 SPI/SCI/03/2023 - Espressjoni ta' Interess: The World Cleanup Campaign 2023

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva espressjoni ta' Interess sabiex issir Cleanup campaign bejn is-6 u 26 ta' Settembru, 2023. Huwa qal li l-Kunsill seta' japplika għal din l-inizjattiva jew individwalment bħala Kunsill jew inkella napplikaw flimkien mar-Reġjun tagħna. Is-Sindku ssuġġerixxa li din is-sena għandna nerġgħu nieħdu sehem f'din l-inizjattiva u li nagħmluha flimkien mar-Reġjun tagħna. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nnaddfu l-areas rurali li m'humiex milħuqa mill-kennies jiġifieri l-area tal-Ħlantun u l-area ta' Ġawhar u qabel ukoll li napplikaw flimkien mar-Reġjun Punent.

**4.6 Cirkulari Numru SPI/SCI/01/2023 Skema għall-Attivitajiet Kulturali 2023/2024**

Is-Sindku ressaq iċ-Ċirkulari SPI/SCI/01/2023 għall-Attivitajiet Kulturali 2023. Is-Sindku qal li peress li l-applikazzjoni kienet tagħlaq fis-26 ta' April 2023 u sakemm tiġi evalwata l-applikazzjoni jkun daħal wisq iż-żmien biex nilħqu norganizzaw Festa Qamar il-Għasel għalhekk issuġerixxa li għal din l-inizjattiva l-Kunsill japlika sabiex jagħmel Festa Familja – b'varjeta ta' attivitajiet għal familja kollha. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li Festa Familja tiġi organizzata nhar il-Ħadd 12 ta' Novembru 2023.

**4.7 Cirkulari Numru SPI/SCI/02/2023 Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-libreriji Lokali u Reġjonali**

Is-Sindku ressaq din iċ-ċirkulari għal servizz ta' manutenzjoni fil-librerija pubblika. Is-Sindku qal li ma kienx jidher li l-librerija għandha bżonn ta' ħafna manutenzjoni għalhekk issuġerixxa nduruha minn barra sabiex nipproteġuha mill-ilma. Saret diskussjoni rigward din l-inizjattiva. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw sabiex isir il-manutenzjoni kif meħtieġ.

**4.8 Approvazzjoni – Rotot Ġodda Trasport Pubbliku**

Is-Sindku qal li l-aħħar li kien iltaqa' ma' *Transport Malta* rigward ir-rotot ġodda Transport Malta kienu qablu mar-rotot li ġew proposti mill-Kunsill perro' il-Kunsill kien għadu ma rċieva xejn bil-miktub dwar dan. Is-Sindku spjega kif ġew proponuti r-rotor il-ġodda:

117 u 73 jidħlu minn Triq il-Ħajt Ruman, iduru mal-Ġnien jerġgħu jgħaddu għal Triq il-Ħajt Ruman u jinżlu minn Triq iż-Żurrieq l-isfel kif inhuma issa filwaqt li,

71 u 218 kemm ir-rotta miż-Żurrieq għal Belt kif ukoll ir-rotta mill-Belt għaż-Żurrieq ser ikun qed jgħaddu biss minn Triq il-Kuċċard u jibqgħu sejrin dirett jew lejn il-Belt jew inkella lejn iż-Żurrieq biex nikkompensaw ftit mill-kilometrti li ser jiżdiedu fir-rotot l-oħra.

**4.9 Korrispondenza**

Il-Kunsill iddiskuta xi punti mill-korrispondenza.

**4.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

## 4.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil-7.50pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tnejn 24 ta' April, 2023 fil-5:00pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula<br>Sindku | Doris Baldacchino<br>Segretarju Eżekuttiv |